SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-185/08

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mir-Rechtbank 's-Gravenhage (il-Pajjizi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' April 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' April 2008, fil-proċedura

Latchways plc,

Eurosafe Solutions BV

vs

Kedge Safety Systems BV,

Consolidated Nederland BV,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, D. Šváby (Relatur), E. Juhász, G. Arestis, u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Frar 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Latchways plc u Eurosafe Solutions BV, minn A. Mak, avukat,

— għal Kedge Safety Systems BV u Consolidated Nederland BV, minn E. Schelhaas, avukat,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels, bħala aġent,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Schønberg u G. Zavvos, bħala aġenti, assistiti minn F. Tuytschaever, avukat,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta'April 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989 [1988], dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [kostruzzjoni] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 296) kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 447, iktar 'il quddiem, id-"Direttiva 89/106"), tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 98) kif emendat bir-Regolament Nru 1882/2003 (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva 89/686"), kif ukoll tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465, tat-22 ta' Lulju 1993, dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità "CE" li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 195).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Latchways plc u Eurosafe Solutions BV (iktar 'il quddiem, rispettivament, "Latchways" u "Eurosafe Solutions"), minn naħa, u Kedge Safety Systems BV u Consolidated Nederland BV (iktar 'il quddiem, rispettivament "Kedge Safety Systems" u "Consolidated Nederland"), min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk l-apparat ta' rbit kontra l-waqgħat mill-għoli waqt xogħlijiet imwettqa fuq il-bjut manifatturat minn Latchways u dak manifatturat minn Safety Systems humiex siguri u jekk il-marka "CE" tistax jew għandhiex titwaħħal fuq l-imsemmi apparat.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

Id-Direttiva 89/106

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/106 huwa fformulat kif ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal prodotti għal bini [kostruzzjoni] fejn hemm marbuta magħhom il-ħtiġijiet essenzjali fil-każ ta' xogħlijiet ta' bini skond Artikolu 3(1).

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'prodott ta' bini [prodott għall-kostruzzjoni]' ifisser kull prodott li hu magħmul biex jiddaħħal b'mod permanenti fix-xogħlijiet ta' bini, inkluż kemm fix-xogħlijiet tal-bini u kemm tal-periti [tal-inġinerija ċivili].

[…]"

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti [għall-kostruzzjoni] li għalihom jirreferi Artikolu 1, li huma maħsuba biex jintużaw f'xogħlijiet, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu tajbin għall-użu maħsub, li jfisser li jkollhom dawk il-karatteristiċi li x-xogħlijiet li ser jiddaħħlu fihom, magħquda, imħaddma jew stallati, jistgħu, jekk iddisinjati u mibnija sew, jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 3 meta u fejn dawk ix-xogħlijiet huma esposti għar-regolamenti li fihom dawk il-ħtiġijiet.

2. (a) Fejn prodotti [għall-kostruzzjoni] huma soġġetti għal Direttivi oħra fir-rigward ta' aspetti oħra u li jipprovdu wkoll għat-twaħħil ta' l-immarkar [marka] ta' konformità 'CE', li saret referenza għalih fl-Artikolu 4(2), dan ta' l-aħħar għandu jindika li l-prodotti huma wkoll preżunti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi l-oħra.

[…]"

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-ħtiġijiet essenzjali li jgħoddu għal dawk ix-xogħlijiet li jistgħu jaffetwaw il-karatteristiċi tekniċi ta' prodott [għall-kostruzzjoni] huma stabbiliti skond l-għanijiet f'Anness I. […]

[…]

3. Il-ħtiġijiet essenzjali jingħataw forma konkreta fid-dokumenti (dokumenti interpretattivi) għall-ħolqien tar-rabtiet essenzjali bejn il-ħtiġijiet essenzjali stabbiliti fil-paragrafu 1 u l-mandati ta' standardizzazzjoni, mandati għal-linji ta' gwida għall-approvazzjoni teknika Ewropea jew l-għarfien ta' xi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra fi ħdan it-tifsira ta' Artikoli 4 u 5."

6 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Normi [standards] u approvazzjonijiet tekniċi, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu meqjusa bħala 'speċifikazzjonijiet tekniċi'.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, in-normi armonizzati għandhom ikunu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati mill-[Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni] CEN, [jew mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettronika] Cenelec jew mit-tnejn, b'mandat maħruġ mill-Kummissjoni b'konformità mad-Direttiva [tal-Kunsill] 83/189/KEE [, tat-28 ta' Marzu 1983, li tistabbilixxi proċedura għall-provvista ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regoli tekniċi (ĠU L 109, p. 8)] skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat li għalih jirreferi Artikolu 19 u bi konformità

mad-dispożizzjonijiet ġenerali li jolqtu l-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u dawn iż-żewġ korpi ffirmata fit-13 ta' Novembru, 1984.

2. L-Istati Membri għandhom jassumu li l-prodotti [għall-kostruzzjoni] huma tajbin għall-użu jekk jippermettu x-xogħlijiet li fihom jintużaw, sakemm dawn ta' l-aħħar ikunu ddisinjati u mibnijin sew, jissodisfaw il-ħtiġiet essenzjali saret referenza għalihom fl-Artikolu 3 fejn dawn il-prodotti għandhom l-immarkar CE li jindika li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva, li jinkludu l-proċeduri ta' stima ta' konformità stabbilita fil-Kapitolu V u l-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III. L-immarkar 'CE' għandu jindika:

(a) li huma jaqblu man-normi nazzjonali relevanti li jbiddlu l-pożizzjoni tan-normi armonizzati, li kien hemm riferenza għalihom ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Stati Membri jippubblikaw ir-referenzi ta' dawn in-normi nazzjonalili jew,

b) li huma jaqblu ma' l-approvazzjoni teknika Ewropea, imwassla skond il-proċedura tal-Kapitolu III,

jew,

(ċ) li huma jaqblu ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li għalihom jirreferi l-paragrafu 3 sa fejn ma jeżistux l-ispeċifikazzjonijiet armonizzati; lista ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali tissawwar skond il-proċedura ta' Artikolu 5(2).

[…]"

7 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/106 jipprovdi kif ġej:

"1. Biex tkun żgurata l-kwalità tan-normi [tal-istandards] armonizzati għal prodotti [għall-kostruzzjoni], in-normi għandhom ikunu stabbiliti minn organizzazzjonijiet ta' normi [standardizzazzjoni] Ewropej skond il-mandati maħruġa mill-Kummissjoni […].

2. In-normi li joħorġu għandhom ikunu mfissra kemm jista' jkun b'mod prattiku fejn tidħol il-ħidma ta' prodott [għall-kostruzzjoni], billi jitqiesu d-dokumenti interpretattivi.

3. Ladarba n-normi jkunu stabbiliti mill-organizzazzjonijiet ta' normi Ewropej, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riferenzi tan-normi fis-serje 'Ċ' tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*."

8 Il-punt 4 tal-Anness I ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"4. Sigurtà fl-użu

Ix-xogħol ta' bini [kostruzzjoni] għandu jkun iddisinjat u mibni b'tali mod li ma joħloqx riskji inaċċettabbli ta' inċidenti fis-servizz jew fil-ħidma bħal żliq, [waqgħat,] ħbit, ħruq, xokkijiet, korrimenti minn splużjonijiet."

Id-Direttiva 89/686

9 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/686 jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva tgħodd għall-apparat personali protettiv, hawn aktar 'l isfel magħruf bħala 'PPE'.

Hija tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tqegħid fis-suq u l-moviment liberu fil-Komunità u l-ħtiġiet bażiċi ta'sigurtà li l-PPE għandu jissodisfa sabiex jiżgura l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà ta' min jużah.

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, PPE għandha tfisser kwalunkwe tagħmir jew apparat maħsub biex jintlibes jew ikun miżmum minn individwu għall-protezzjoni kontra wieħed jew aktar mill-perikli ta' sigurtà.

PPE għandu jkopri wkoll:

(a) unita magħmula minn ħafna tagħmir jew apparat li ġew mqiegħda flimkien b'mod integrat mill-manifattur għall-protezzjoni ta' l-individwu minn wieħed jew aktar mir-riskji kbar simultanji;

(b) tagħmir jew apparat protettiv magħqud, separat jew mhux separat, ma' apparat personali mhux protettiv milbus jew miżmum minn individwu biex jagħmel biċċa xogħol speċifika;

(ċ) komponenti PPE li jistgħu jinbidlu ma' xulxin li huma essenziali biex isir it-tħaddim sodisfaċenti u jkun intużat esklussivament għal dak l-apparat.

3. Kwalunkwe sistema introdotta fis-suq flimkien mal-PPE biex titwaħħal ma' apparat ieħor estern, addizzjonali, għandha titqies bħala parti integrali minn dak l-apparat anki jekk is-sistema mhix maħsuba biex tintlibes jew tinżamm b'mod permanenti minn min jużaha għall-perjodu sħiħ li jkun espost għar-riskju [riskji].)

[…]"

10 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"Il-PPE msemmi f'Artikolu 1 għandu jissodisfa l-ħtiġiet bażiċi tas-saħħa u tas-sigurtà stabbiliti f'Anness II."

11 L-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirristrinġu jew ifixklu t-tqegħid fis-suq ta' PPE jew [ta'] komponenti tal-PPE li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u li għandhom l-immarkar [il-marka]'CE' li jafferma l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva, li jinkludi l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni fil-Kapitolu II."

12 Il-punt 3.1.2.2 tal-Anness II tad-Direttiva 89/686 jipprovdi:

"Il-prevenzjoni ta' waqgħat mill-għoli

PPE ddisinjati biex jevitaw waqgħat mill-għoli jew l-effetti tagħhom għandu jkun fihom ċinga torbot il-ġisem u sistema li tista' titqbbad ma', u li tista' tintrabat ma' punt ta' rbit b'saħħtu. Għandu jkun iddisinjat b'tali mod li skond il-kondizzjonijiet prevedibbli ta' l-użu l-waqgħa vertikali ta' min jużahom titnaqqas biex tevita l-ħbit ma' ostakli u l-forza tal-brejk ma tilħaqx, madankollu, il-livell li fih min juża l-PPE jista' jindarab jew li jiċċarrat jew jinqasam xi komponent tal-PPE li jista' jkun il-kawża tal-waqgħa ta' min jużah.

Għandu jiżgura wkoll li wara li jibbrejkja min jużah jinżamm f'pożizzjoni tajba li fiha jkun jista' jistenna l-għajnuna jekk ikun hemm bżonn.

In-noti tal-manifattur għandhom jispeċifikaw b'mod partikulari l-informazzjoni kollha relevanti marbuta mal-:

— karatteristiċi meħtieġa biex jinstab punt ta' rbit b'saħħtu u l-għoli minimu meħtieġ taħt min jużahom,

— l-aħjar mod kif tintlibes iċ-ċinga mal-ġisem u kif tintrabat is-sistema mal-punt ta' rbit b'saħħtu."

Id-Deċiżjoni 93/465

13 Il-punt I B tal-Anness tad-Deċiżjoni 93/465 jipprovdi:

"Il-linji-gwida prinċipali għat-twaħħil u l-użu tal-marka CE huma dawn li ġejjin:

(a) Il-marka 'CE' tissimbolizza l-konformità ma' l-obbligi kollha li jaqgħu fuq il-fabbrikanti għall-prodott, bħala riżultat tad-direttivi [tal-Unjoni] li jistipulaw it-twaħħil tagħha.

[…]

(b) Il-marka 'CE' imwaħħla ma' prodotti industrijali tissimbolizza l-fatt li l-persuna fiżika jew legali li waħħlet jew kienet responsabbli mit-twaħħil ta' l-imsejħa marka, vverifikat li l-prodott jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' armonizzazzjoni totali kollha [tal-Unjoni] li japplikaw għaliha u li l-prodott kien soġġett għall-proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità.

[…]

e) Kull prodott industrijali kopert mid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika bbażati fuq il-prinċipji ta' approċċ globali għandu jġib il-marka 'CE', għajr meta d-direttivi speċifiċi jistipulaw mod ieħor: eċċezzjonijiet bħal dawn jikkostitwixxu derogi, mhux mill-ħtieġa ta' l-immarkar imma mill-proċeduri amministrattivi ta' evalwazzjoni tal-konformità, li f'ċerti każijiet jistgħu jiġu kkunsidrati bħala

ingombranti wisq. Għandhom għalhekk jingħataw raġunijiet xierqa għal kull eċċezzjoni jew deroga mill-ħtieġa ta'l-immarkar.

Il-marka 'CE' hija l-unika marka li tiċċertifika li l-prodotti industrijali huma konformi mad-direttivi abbażi talprinċipji ta' l-approċċ globali.

L-Istati Membri għandhom iżommu milli jintroduċu fir-regolamenti nazzjonali tagħhom kull referenza għal marka ta' konformità li mhix il-marka 'CE' f'dak li għandu x'jaqsam mal-konformità mad-dispożizzjonijiet kollha li hemm fid-direttivi fuq il-marka 'CE'.

[…]

(i) It-twaħħil ta' kwalunkwe marka oħra li għandha tendenza li tqarraq b'terzi persuni fir-rigward tat-tifsira u l-forma tal-marka CE għandu jkun ipprojbit.

[…]

(l) L-Istati Membri għandhom jieħdu d-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi nazzjonali neċessarji biex jeskludu kull possibilità ta' taħwid u biex jevitaw l-abbuż mill-marka 'CE'.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet fid-direttiva kkonċernata relatata ma' l-applikazzjoni ta' klawsola ta' salvagwardja, meta Stat Membru jistabbilixxi li l-marka CE ma ġietx imwaħħla kif suppost, il-fabbrikant, l-aġent tiegħu jew, f'każ

eċċezzjonali, meta d-direttivi speċifiċi jistipulaw dan, il-persuna responsabbli mit-tqegħid tal-prodott imsemmi fis-suq tal-[Unjoni], huma obbligati li jagħmlu l-prodott konformi u li jwaqqfu il-ksur tal-liġi taħt il-kondizzjonijiet imposti mill-Istat Membru. Meta jissokta n-nuqqas ta' konformità, l-Istat Membru jrid jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrestrinġi jew jiprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodott inkwistjoni jew biex jiżgura li dan jiġi rtirat mis-suq skond il-proċeduri stabbiliti fil-klawsoli ta' salvagwardja."

L-Istandard EN 795 u l-pubblikazzjoni tar-referenzi tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Kommuniatjiet Ewropej

14 L-Istandard Ewropew 795 (iktar 'il quddiem l-"Istandard EN 795"), intitolat "Protezzjoni kontra l-waqgħat milll-għoli — Apparat ta' rbit — Rekwiżiti u ttestjar", ġie mfassal fil-kuntest ta' mandat mogħti lis-CEN mill-Kummissjoni u mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Il-punti 4.2 u 4.3.1.1 tal-imsemmi standard jispjegaw ir-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu sodisfatti mill-apparat ta' rbit tal-klassi A1 u li huma maħsubin sabiex isostnu r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3.1.2.2 tal-Anness II tad-Direttiva 89/686.

15 Il-punt 3.13 tal-Istandard EN 795 huwa fformulat kif ġej:

"3.13 Klassijiet

3.13.1 Klassi A

3.13.1.1 Klassi A1

Il-klassi A1 hija magħmula minn irbit strutturali maħsub biex jitwaħħal fuq uċuħ vertikali, orizzontali u inklinati, bħal ħitan, kolonni, blajjet.

[…]"

16 Permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2000/C 40/05 fil-kuntest tal-implementazzjoni tad-Direttiva 89/686, emendata bid-Direttivi 93/68/KEE, 93/95/KEE u 96/58/KE (ĠU 2000, C 40, p. 7), l-Istandard EN 795 kien ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* bit-titoli u r-referenza tiegħu flimkien ma' avviż li jgħid li "din il-pubblikazzjoni tikkonċerna biss l-apparat deskritt fil-klassijiet A (irbit strutturali) […] li għalih hija ma tagħti ebda preżunzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/686/KEE".

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

17 Id-Direttiva 89/106 ġiet trasposta fil-Pajjiżi l-Baxxi permezz tar-Regolament tal-Kostruzzjoni (Bouwbesluit), tas-16 ta' Diċembru 1991 (*Staatsblad* 1991, nº 680), issotitwit mill-1 ta' Jannar 2003 bir-Regolament tal-Kostruzzjoni tal-2003 (Bouwbesluit 2003, *Staatsblad* 2002, Nru 410), emendat diversi drabi sussegwentement.

18 Id-Direttiva 89/686 ġiet trasposta fil-Pajjiżi l-Baxxi permezz tal-Liġi dwar l-apparat personali protettiv (Warenwetbesluit persoonlijke beschermingsmiddelen, *Staatsblad* 1992, Nru 396), adottata b'applikazzjoni tal-liġi Olandiża li tirregola b'mod partikolari l-kwalità u s-sigurtà tal-prodotti, liema liġi ġiet emendata diversi drabi sussegwentement.

19 L-Istandard EN 795 ġie traspost fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-Istandard NEN 795.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

20 Latchways, kompetitriċi ta' Kedge Safety Systems, timmanifattura u tikkummerċjalizza l-Mansafe, apparat ta' rbit li jitwaħħal mal-bejt permezz ta' viti li jippenetraw fil-bini taħt il-bejt. Hija twaħħal fuq l-imsemmi apparat il-marka "CE" skont l-Istandard EN 795.

21 Kedge Safety Systems, min-naħa tagħha, timmanifattura u tikkummerċjalizza l-Kedge Safety, apparat ta' rbit lil jitwaħħal mal-bejt billi titwaħħal kukkarda mdaħħla mal-wiċċ asfaltat. Hija ssostni li huwa jissodisfa r-rekwiżiti għall-Istandard EN 795.

22 Darbtejn, matul l-2004 u l-2005, Consolidated Nederland, waħda mix-xerrejja ta' Kedge Safety, ittestjat dan l-apparat permezz ta' korp awtorizzat li għandu s-setgħa li jiċċertifika l-PPE skont l-istandards armonizzati. F'dawn iż-żewġ okkażjonijiet, dan tal-aħħar ikkonstata li l-Kedge Safety kien jissodisfa xi wħud mill-punti tal-Istandard EN 795 relatati mal-apparat tal-klassi A1, iżda indika espressament li t-testijiet li saru ma jiġġustifikawx il-marka "CE" u lanqas dikjarazzjoni ta' konformità mad-Direttiva 89/686.

23 Matul l-2005, Latchways qabbdet lil żewġ korpi awtorizzati oħra sabiex jittestjaw il-Kedge Safety. It-tnejn li huma waslu għall-konklużjoni li l-Kedge Safety ma kienx għadda minn parti mit-test previst mill-Istandard 795, sa fejn dan l-aħħar, f'kundizzjonijiet speċifiċi ta' sħana, inqala' minn postu meta kien suġġett għal forza statika ta' 5.68 kN, filwaqt li l-punt 4.3.1.1 tal-Istandard EN 795 jirrikjedi reżistenza ta' mill-inqas 10 kN.

24 Fil-proċeduri għal miżuri provviżorji, Latchways u Eurosafe Solutions, id-distributur Olandiż ta' Mansafe, kisbu ordni mir-Rechtbank Doordrecht li kien qed jipprojbixxi lil Kedge Safety Systems milli tindika li l-apparat ta' rbit tagħha jissodisfa l-Istandard EN 795 ħlief meta jintuża fuq bjut ġodda u matul il-jiem mhux xemxin, u li kien jobbligaha tinforma lill-klijenti tagħha b'dan.

25 Fil-kuntest tal-proċedura fil-kawża prinċipali, Latchways u Eurosafe Solutions jitolbu li Kedge Safety tiġi pprojbita milli tikkummerċjalizza l-marka "CE" peress li dan il-prodott jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/686. Sussidjarjament, huma jitolbu li Kedge Systems u Consolidated Nederland jiġu pprojbiti milli jikkummerċjalizzaw l-imsemmi prodott għal użu fuq kull tip ta' bejt, milli jsostnu li huwa jissodisfa l-Istandard EN 795, u milli jindikaw li dan l-istess prodott huwa sigur.

26 Bħala kontrotalba, Kedge Safety Systems u Consolidated Nederland jitolbu li Latchways u Eurosafe Solutions jiġu pprojbiti milli jwaħħlu l-marka "CE" fuq il-Mansafe, milli jirreferu għall-Istandard EN 795 u milli jkomplu jikkummerċjalizzaw dan il-prodott. Insostenn tat-talbiet tagħhom, Kedge Safety Systems u Consolidated Nederland isostnu li l-klassijiet A, C u D tal-Istandard EN 795 jaqgħu taħt id-Direttiva 89/106 u li, għaldaqstant, Latchways u Solutions Eurosafe ma jistgħux isostnu dikjarazzjoni ta' konformità tal-Mansafe skont id-Direttiva 89/686.

27 Minħabba dubji dwar id-direttivi applikabbli għall-apparat inkwistjoni, dwar il-proċeduri ta' użu tal-marka "CE" kif ukoll dwar in-natura tal-Istandard EN 795, ir-Rechtbank 's-Gravenhage stiednet, permezz ta' sentenza interlokutorja tat-18 ta' Lulju 2007, lill-partijiet fil-kawża prinċipali jesprimu ruħhom dwar id-domandi preliminari li l-imsemmija qorti kellha l-intenzjoni li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Wara li ħadet konjizzjoni tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet fil-kawża prinċipali, ir-Rechtbank 's-Gravenhage ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-ankraġġi [L-apparat ta' irbit] tal-klassi A1 imsemmija fl-Istandard Ewropew EN 795 (intiżi li jibqgħu fil-post b'mod permanenti) jaqgħu esklużivament taħt id-Direttiva 89/106[…]?

2) Jekk l-ewwel domanda tagħti risposta negattiva, dawn l-ankraġġi — jekk ikun il-każ iktar 'il quddiem bħala apparat ta' protezzjoni — jaqgħu taħt id-Direttiva 89/686 […]?

3) Jekk l-ewwel u t-tieni domandi jagħtu risposta negattiva: fid-dawl b'mod partikolari tal-Anness II tad-Direttiva 89/686[…], b'mod partikolari tal-punt 3.1.2.2. tagħha, għandu wieħed — fid-dawl ta' [PPE] suġġett għal din id-direttiva — jevalwa jekk dan [il-PPE] protettiv jissoddisfax fih innifsu r-rekwiżiti essenzjali ta' din id-direttiva jew għandu jiġi eżaminat f'dan l-istess kuntest jekk l-ankraġġ — li miegħu huwa konness l-apparat personali protettiv — jipprovdix protezzjoni fil-kundizzjonijiet ta' użu pprovduti f'dan l-Anness II?

4) Il-leġiżlazzjoni Komunitarja u b'mod partikolari d-Deċiżjoni 93/465 […] tippermetti li wieħed iqiegħed b'mod fakultattiv il-marka ta' konformità 'CE' fuq ankraġġ bħal dak imsemmi fl-ewwel domanda, bħala sempliċi prova tal-konformità ta' dan l-ankraġġ mad-Direttiva 89/686 […] u/jew id-Direttiva 89/106[…]?

5) Jekk tingħata risposta affermattiva, kemm kollha jew parzjalment, għar-raba' domanda: liema hi l-proċedura li għandha tiġi osservata jew liema huma l-proċeduri li għandhom jiġu osservati sabiex tiġi ddeterminata l-konformità fid-dawl tad-Direttiva 89/686 […] u/jew tad-Direttiva 89/106 […]?

6) Fid-dawl tal-ankraġġi msemmija fl-ewwel domanda, l-Istandard Ewropew EN 795 għandu jiġi kkwalifikat bħala dritt [tal-Unjoni] — suġġett għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja […]?

7) Jekk tingħata risposta affermattiva għas-sitt domanda, l-Istandard Ewropew EN 795 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ankraġġ bħal dak imsemmi fl-ewwel domanda għandu jiġi ttestjat (minn organu [korp] nnotifikat) skont il-kundizzjonijiet tal-użu pprovduti (temperatura esterna, ċirkustanzi atmosferiċi, reżistenza tal-ankraġġ innifsu u/jew tal-elementi għat-twaħħil tiegħu kif ukoll tas-saqaf [tal-bejt]?

8) Jekk tingħata risposta affermattiva għas-seba' domanda, it-test għandu jsir billi jiġu osservati r-restrizzjonijiet tal-użu (li jinsabu fil-kundizzjonijiet tal-użu)?"

Fuq id-domandi preliminari

29 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi jirrigwardaw l-applikabbiltà tad-Direttivi 89/106 u 89/686 għall-apparat ta' rbit tal-klassi A1 kif iddefinit fl-Istandard EN 795. Issa, ir-risposta għall-imsemmija domandi timplika neċessarjament l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-imsemmi

standard li n-natura ġuridika u l-interpretazzjoni tiegħu huma s-suġġett tas-sitt, is-seba' u t-tmien domandi. Għaldaqstant, qabel kollox għandha tingħata deċiżjoni għal dawn l-aħħar domandi.

Fuq is-sitt, is-seba' u t-tmien domandi, dwar in-natura ġuridika tal-Istandard EN 795

30 Permezz tas-sitt, is-seba' u t-tmien domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-Istandard EN 795 dwar l-apparat tal-klassi A1 jaqgħux taħt id-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, jistgħux jiġu interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja u, fl-affermattiv, jitolbu li hija tinterpretahom.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti, fosthom id-Direttivi 89/106 u 89/686, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jadottaw direttivi li jiddefinixxu r-rekwiżiti essenzjali li l-prodotti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għandhom jissodisfaw. Imbagħad, il-Kummissjoni tagħti mandat, skont il-proċedura prevista mid-Direttiva 83/189, lill-korpi privati ta' standardizzazzjoni biex jirrediġu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippreċiżaw ir-rekwiżiti essenzjali fformulati mill-imsemmija direttivi. Malli l-istandards ikunu ġew stabbiliti mill-imsemmija korpi, il-Kummissjoni tippubblika r-referenzi fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din il-pubblikazzjoni għandha l-effett li tagħti lill-prodotti koperti minn direttiva ta' armonizzazzjoni teknika u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi definiti fl-istandards armonizzati għal dawn il-prodotti, il-benefiċċju ta' preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tal-imsemmija direttiva.

32 F'dan il-każ, mill-Istandard EN 795 jirriżulta li dan kien żviluppat taħt mandat mogħti lis-CEN mill-Kummissjoni skont il-punt 3.1.2.2 tal-Anness II tad-Direttiva 89/686.

Sussegwentement, ir-referenzi tal-imsemmi standard kienu ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fil-Komunikazzjoni 2000/C 40/05. Madankollu, din tal-aħħar tindika espressament li din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax l-apparat deskritt b'mod partikolari fil-Klassi A1 tal-Istandard EN 795 li għalih hija ma tagħti l-ebda preżunzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/686.

33 Għaldaqstant, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 123 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-Istandard EN 795 dwar l-apparat ta' rbit ta' klassi A 1 ma jistgħux jitqiesu li huma speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati. Għaldaqstant, u sa fejn jirrigwarda l-apparat ta' rbit tal-klassi A1, l-Istandard EN 795 għandu jitqies li huwa standard ta' natura teknika stabbilit minn korp privat ta' standardizzazzjoni li ma għandu l-ebda rabta mad-Direttiva 89/686.

34 Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni preliminari hija limitata għall-eżami tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni biss (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-16 ta' Jannar 2008, Polier, C-361/07, punt 9 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Peress li l-punti 32 u 33 ta' din is-sentenza jistabbilixxu li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma jikkostitwixxux dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi konkluż, mingħajr ma hemm lok li tiġi eżaminata n-natura legali tal-istandards armonizzati, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Istandard EN 795 dwar l-apparat ta' rbit tal-klassi A1.

36 Konsegwentement, ir-risposta għas-sitt domanda għandha tkun li d-dispożizzjonijiet tal-Istandard EN 795 dwar l-apparat tal-klassi A1 ma jaqgħux taħt il-Direttiva 89/686, li għalhekk huma ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li, għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpretahom.

37 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għas-sitt domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għas-seba' u t-tmien domandi.

Fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi, dwar l-applikabbiltà tad-Direttivi 89/106 u 89/686 għad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali

38 Permezz tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet domandi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-apparat ta' rbit tal-klassi A1 iddefinit fl-Istandard EN 795 jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/106 jew tad-Direttiva 89/686.

39 Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-Istandard EN 795 dwar l-imsemmi apparat, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-apparat ta' rbit inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-Mansafe u l-Kedge Safety.

40 Dan l-apparat huwa sistema ta' rbit strutturali i jintrabat mal-bejt ta' bini li fuqu jitqiegħed PPE. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-imsemmi apparat ta' rbit huwa intiż li jibqa' mwaħħal b'mod permanenti mal-bini wara li jiġi installat u għaldaqstant jista' jintuża diversi drabi, kif ġie kkonfermat mill-partijiet ikkonċernati waqt is-seduta.

41 Fir-rigward, minn naħa, tal-applikabbiltà tad-Direttiva 89/686 għal dan l-istess apparat, l-Artikolu 1 tagħha jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-istess direttiva, billi, fl-Artikolu 1(2) u (3) jagħti definizzjoni tal-kunċett ta' PPE.

42 Qari sistematiku tal-imsemmija paragrafi juri li l-kwalifika ta' PPE timplika li tali prodott jintlibes jew jinżamm, jew għall-inqas jista' jintlibes jew jinżamm, mill-utent tiegħu għat-tul tal-espożizzjoni tiegħu għar-riskju. Għaldaqstant, għandu jkun prodott li jista' jinġarr. Issa, huwa paċifiku li, għall-użu tiegħu, apparat ta' rbit bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkun marbut ma' xogħol ta' kostruzzjoni. Għaldaqstant, dan ma huwiex maħsub sabiex jintlibes jew jinżamm mill-utent fis-sens tad-Direttiva 89/686.

43 Għandu wkoll jiġi kkonstatat li l-funzjoni ta' dan l-apparat hija ta' ostakolu sabiex ikun jista' jiġi kkwalifikat bħala "sistema [ta' rbit]" fis-sens tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 89/686 u għaldaqstant sabiex jitqies li huwa parti sħiħa minn PPE. Fil-fatt, dan l-apparat bl-ebda mod ma għandu l-funzjoni li jgħaqqad PPE ma' "apparat ieħor estern" fis-sens tal-imsemmi artikolu jew ma' "punt ta' rbit" fis-sens tal-punt 3.1.2.2 tal-Anness II ta' din id-direttiva. Għall-kuntrarju, huwa maħsub li jikkostitwixxi "apparat estern" li fuqu jitwaħħal PPE.

44 Għaldaqstant, fid-dawl tan-natura u tal-funzjoni tiegħu, għandu jiġi konkluż li l-apparat ta' rbit bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/686.

45 Din il-konstatazzjoni ma hijiex invalidata mir-rekwiżit stabbilit fil-punt 3.1.2.2 tal-Anness II tad-Direttiva 89/686 li bih il-manifattur ta' PPE għandu jispeċifika, fl-avviż ta' informazzjoni tiegħu, id-data kollha rilevanti dwar il-karatteristiċi mitluba għall-punt ta' rbit li miegħu għandu jitwaħħal dan il-PPE.

46 Fil-fatt, mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/686 jirriżulta li l-Annesss II ta' din id-direttiva kollu kemm hu u l-punt 3.1.2.2 ta' dan l-anness b'mod partikolari għandhom l-għan waħdieni li jiddefinixxu r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u ta' sigurtà applikabbli għall-PPE. L-obbligu li għandu l-manifattur sabiex jispeċifika l-karatteristiċi mitluba

għall-punt ta' rbit li fuqu għandu jitwaħħal PPE ma jistax għalhekk jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva lil hinn mil-limiti definiti fl-Artikolu 1 tagħha.

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li apparat ta' rbit, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma huwiex maħsub li jinżamm jew jintlibes mill-utent tiegħu ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/686 la fih innifsu u lanqas minħabba l-fatt li huwa maħsub li jitwaħħal ma' PPE.

48 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

49 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-applikabbiltà tad-Direttiva 89/106 għall-apparat ta' rbit bħall-Mansafe u l-Kedge Safety, mill-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jirriżulta li dan japplika għall-prodotti għall-kostruzzjoni sa fejn ir-rekwiżiti essenzjali għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, imsemmija fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, jikkonċernawhom. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għal dawn ix-xogħlijiet u li jistgħu jinfluwenzaw il-karatteristiċi ta' prodott għall-kostruzzjoni, dan l-aħħar artikolu jirreferi għall-Anness I tad-Direttiva 89/106, li huwa intiż b'mod partikolari għas-sigurtà tal-użu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

50 F'dan is-sens, l-applikabbiltà tad-Direttiva 89/106 għal prodott partikolari tippreżupponi li jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet, waħda dwar in-natura ta' dan il-prodott u l-oħra dwar il-funzjoni tiegħu.

51 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tan-natura tal-prodotti suġġetti għad-Direttiva 89/106, l-Artikolu 1(2) tagħha jiddisponi li huwa "prodott ta' bini [għall-kostruzzjoni]" kwalunkwe prodott li hu magħmul biex jiddaħħal b'mod permanenti fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

52 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 89/106 ma tiddefinixxix il-kliem "jiddaħħal b'mod permanenti". Madankollu, u fid-dawl tat-tifsira normali ta' dawn il-kliem u tal-għan ta' din id-direttiva, li huwa li jiġi żgurat li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fiha, għandu jiġi deċiż li għandhom jiġu kkwalifikati bħala prodotti għall-kostruzzjoni l-prodotti li jagħmlu parti minn xogħol ta' kostruzzjoni, li ż-żarmar tagħhom inaqqas il-prestazzjoni tiegħu u li ż-żarmar jew is-sostituzzjoni tagħhom jikkostitwixxi operazzjoni ta' kostruzzjoni.

53 Fid-dawl tal-karatteristiċi ta' apparat ta' rbit inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif dawn jirriżultaw mill-punt 40 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li dan l-apparat jitwaħħal mal-bejt b'tali mod li jkun parti mix-xogħol ta' kostruzzjoni skont il-kwalifika ta' prodott għall-kostruzzjoni kif iddefinit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 89/106.

54 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-funzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/106, il-punt 4 tal-Anness I ta' din id-direttiva jistabbilixxi li l-prodotti għall-kostruzzjoni għandhom jippermettu li jsiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni adatti għall-użu b'mod partikolari rigward is-sigurtà ta' użu, billi jeżiġi li dawn jiġu ddisinjati u mibnija b'tali mod li l-użu tagħhom jew l-operat tagħhom ma joħloqx riskji inaċċettabbli ta' inċidenti bħal żliq, waqgħat, xokkijiet, ħruq, xokkijiet tad-dawl, feriti kkawżati minn splużjonijiet.

55 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-apparat ta' rbit bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa intiż lil jiżgura s-sigurtà tal-persuni meta jaħdmu fuq il-bjut, billi jipprevjeni l-waqgħat mill-għoli li jistgħu jseħħu meta jintuża l-bejt jew fil-kuntest tal-operat tiegħu, b'mod partikolari għall-finijiet ta' tindif u ta' tiswija tax-xogħol ta' kostruzzjoni.

56 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li dawn il-mezzi jiżguraw is-sigurtà ta' użu jew fl-operat tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fis-sens tal-punt 4 tal-Anness I tad-Direttiva 89/106.

57 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkkontestata mill-fatt li l-punt 4 tal-Anness 1 tal-imsemmija direttiva, fil-verżjoni tagħha fil-lingwa Olandiża, ma jsemmix l-attivitajiet li jsiru fuq in-naħa ta' barra tax-xogħol ta' kostruzzjoni, u, għaldaqstant, dawk li jsiru fuq il-bjut. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, in-neċessità ta' interpretazzjoni uniformi tal-atti tal-Unjoni teskludi li, fil-każ ta' dubju, it-test ta' dispożizzjoni jiġi kkunsidrat waħdu u teżiġi, għall-kuntrarju, li jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi uffiċjali l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading, C-375/07, Ġabra p. I-8691, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, il-verżjonijiet l-oħra lingwistiċi, bħall-verżjoni Ġermaniża, dik Ingliża u dik Franċiża, ma jiddistingwu bl-ebda mod bejn attivitajiet li jsiru fuq in-naħa ta' ġewwa u dawk li jsiru fuq in-naħa ta' barra tax-xogħol ta' kostruzzjoni.

58 Barra minn hekk, ma jista' jiġi dedott minn ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 89/106 li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u li dan għandu jwassal sabiex jiġi eskluż minnu l-apparat bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għall-kuntrarju, fid-dawl tal-għanijiet ta' din id-direttiva, huwa determinanti għall-użu sigur ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, b'mod partikolari mill-persuni li jaħdmu fuq il-bjut, li, meta jintuża bejt, dawn il-persuni jistgħu jużaw apparat ta' rbit imwaħħal max-xogħol ta' kostruzzjoni u intiżi li jibqa' b'mod permanenti u li, ġaladarba

mwaħħal, jagħmel parti mill-imsemmi bini u għaldaqstant jikkostitwixxi prodott għall-kostruzzjoni fis-sens tad-Direttiva 89/106.

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li apparat ta' rbit, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li huwa parti mix-xogħol ta' kostruzzjoni li miegħu jitwaħħal sabiex jiggarantixxi s-sigurtà ta' użu jew tal-operat tal-bejt ta' dan il-bini jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/106.

Fuq ir-raba' u l-ħames domandi, dwar l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni 93/465

60 Permezz tar-raba'domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Deċiżjoni 93/465 tippermettix li, fuq bażi fakultattiva, titwaħħal il-marka"CE" fuq prodott li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva li taħtha hija titwaħħal, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi ddefiniti minnha u, fl-affermattiv, liema huma l-proċedura jew il-proċeduri li għandhom jiġu osservati għal dan il-għan.

61 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-qari flimkien tal-punti IB(a), (b) u (e) tal-Anness tad-Deċiżjoni 93/465 jippermetti li jiġi stabbilit li l-marka "CE" tikkostitwixxi l-uniku strument li jiċċertifika, minn naħa, il-konformità ta' prodott mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fid-direttiva jew fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika li japplikaw għaliha u, min-naħa l-oħra, li dan il-prodott ikun ġie suġġett għall-proċeduri xierqa ta' evalwazzjoni tal-konformità tiegħu mal-imsemmija direttivi.

62 Barra minn hekk, il-punti I B(i) u (l) tal-istess anness juru n-neċessità li tiġi evitata kull possibbiltà ta' konfużjoni u ta' abbuż fl-użu tal-marka "CE", b'mod partikolari bl-obbligu impost fuq l-Istati Membri li jwaqqfu kwalunkwe twaħħil mhux awtorizzat ta' din il-marka.

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-marka "CE" għandha titwaħħal biss ma' prodotti li għalihom it-twaħħil huwa previst b'mod speċifiku mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, bl-esklużjoni ta' kull prodott ieħor. Fil-fatt, kull evalwazzjoni differenti twassal sabiex jinħoloq riskju ta' konfużjoni dwar it-tifsira tal-imsemmija marka. Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati r-riskji marbuta ma' tali konfużjoni, l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, p. 30), applikabbli mill-1 ta' Jannar 2010, jistabbilixxi li l-marka "CE" titwaħħal biss fuq prodotti li għalihom it-twaħħil huwa previst mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, bl-esklużjoni ta' kull prodott ieħor.

64 Għaldaqstant ir-riposta għall-ħames domanda għandha tkun li d-Deċiżjoni 93/465 tipprekludi li titwaħħal, fuq bażi fakultattiva, il-marka "CE" fuq prodott li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva li taħtha hija titwaħħal, minkejja li dan il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi ddefiniti minnha.

65 Fid-dawl tar-risposta li ngħatat għar-raba' domanda, ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-ħames domanda.

Fuq l-ispejjeż

66 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Peress li d-dispożizzjonijiet tal-Istandard Ewropew EN 795 dwar l-apparat ta' rbit tal-klassi A1 ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, ma jagħmlux parti mill-qafas tad-dritt tal-Unjoni u, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpretahom.

2) Apparat ta' rbit, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma huwiex maħsub li jinżamm jew jintlibes mill-utent tiegħu, ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/686, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003, la inkwantu tali u lanqas minħabba l-fatt li huwa maħsub li jitwaħħal ma' apparat personali protettiv.

3) Apparat ta' rbit, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li huwa parti mix-xogħol ta' kostruzzjoni li miegħu jitwaħħal sabiex jiggarantixxi s-sigurtà ta' użu jew tal-operat tal-bejt ta' dan il-bini jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989 [1988],

dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [kostruzzjoni], kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE, tat-22 ta' Lulju 1993, dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità "CE" li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika, tipprekludi li titwaħħal, fuq bażi fakultattiva, il-marka "CE" fuq prodott li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva li taħtha hija titwaħħal, minkejja li dan il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi definiti minnha.

Firem